**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Silvio Magro)**

**Vs**

**Joseph Portelli**

Kaz Numru: 1248/2014

Illum 9 ta' Dicembru 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Portelli, bin Joseph u Maria Stella Gauci imwieled Sydney Australia nhar it-2 ta' April 1964 li joqghod 11, Triq il-Kummerc, Birzebbugia, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 405981M:

Talli nhar is-sebgha (7) ta' Dicembru 2014 u fi zminijiet ta' qabel gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u l-vicinanzi, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda (Kap 9, Art 18)

Ikkommetta madwar tnax (12)-il serqa minn gewwa vetturi diversi fosthom minn wahda Renault Megane bin-numru DBG593 ghad-dannu ta' Alexander Mifsud (Id:272476) liema serq huwa kwalifikat bil-hin u xorta tal-haga misruqa bi ksur tal-artikolu 270 u 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Kodici ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat li fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2015 l-imputat irregistra ammissjoni u wara li l-Qorti tatu zmien biex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu kkonferma l-istess ammissjoni.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant din giet sodisfjacentement ippruvata.

Illi inkwantu ghall-piena, din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, l-ammissjoni bikrija u l-fedina penali tieghu. Tqis li l-hati ghandu jhallas lura lis-socjeta' l-izball li kkommetta billi jaghmel xoghol blah las fil-komunita'.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 20 261(f)(g), 270, 271(g), 281(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tqieghed lil Joseph Portelli taht ordni ta' servizz fil-komunita' bil-kundizzjoni li jaghmel xoghol bla hlas ghal sittin (60) siegha f'dak il-post u b'dawk l-arrangamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u bil-kundizzjonijiet kollha l-ohra msemmija fid-digriet anness.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u li jinftiehem l-effetti tal-ordni ta' servizz fil-komunita' u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu mal-ordnijiet u kundizzjonijiet.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficcju tal-Probation u Parole.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat